# DĦUL B'XEJN U ATTIVITAJIET EĊĊITANTI S-SIBT LI ĠEJ F'GĦAR DALAM U BORĠ IN-NADUR

**Stqarrija I 16 ta' April 2024**

Heritage Malta qed tistieden lill-pubbliku biex is-Sibt li ġej, 20 ta' April, jimraħ fil-preistorja ta' pajjiżna billi jżur is-siti ta' Għar Dalam u Borġ in-Nadur f'Birżebbuġa, li se jkunu miftuħin bla ħlas il-ġurnata kollha.

Għar Dalam huwa l-eqdem sit preistoriku ta' Malta u jixhed ukoll l-ewwel preżenza tal-bniedem fi gżiritna daqs 7,400 sena ilu. Fillieri sħaħ ta' għadam tal-annimali li jixħtu dawl fuq dawk iż-żminijiet imbiegħda, u li nstabu fl-għar li għalih hu msemmi s-sit, huma esebiti bi stil Vittorjan li bilkemm għadek issib bħalu fl-Ewropa kollha.

Ġol-għar innifsu, imżejjen min-natura bi stalaktiti u stalagmiti l-ġmiel tagħhom u mogħni b'varjetà ta' formazzjonijiet ta' blat, il-viżitatur ma jistax ma jistagħġibx b'dak li jsir jaf dwar l-ibgħad antenati tagħna. F'dan is-sit, li hu wieħed mis-siti protetti ta' Natura 2000, wieħed jista' jgawdi wkoll bosta siġar u pjanti indiġeni.

Is-Sibt li ġej, il-pubbliku se jkun jista' jżur ukoll is-sit ta' Borġ in-Nadur, li jinsab ftit 'l isfel minn Għar Dalam. B'pożizzjoni unika bejn żewġ widien – Wied Żembaq u Wied Dalam – dan is-sit Neolitiku ġie skavat fis-snin 20 tas-seklu 20 mill-arkeologa Margaret Murray, li s-sejbiet tagħha kienu kruċjali biex wieħed jifhem aħjar ċerti aspetti tal-preistorja Maltija.

Il-jum tas-Sibt fiż-żewġ siti se jkun imżewwaq b'bosta attivitajiet għall-familja kollha, grazzi għall-kollaborazzjoni ta' Heritage Malta ma' entitajiet oħra. Fost oħrajn, se jkun hemm attivitajiet għat-tfal, tagħrif dwar kif wieħed jista' jissieħeb ma' Heritage Malta jew jikseb il-passaport tal-aġenzija, kif ukoll kotba ta' Heritage Malta għall-bejgħ. It-tfal li jattendu jingħataw rigal ċkejken.

Iż-żewġ siti se jkunu miftuħin mid-09.00 sal-17.00, bl-aħħar dħul fl-16.30.

Il-programm sħiħ tal-attivitajiet huwa dan:

**Għar Dalam**

10.30: Dawra ma' Għar Dalam bil-Malti

11.00: Stejjer għat-tfal

12.30: Dawra ma' Għar Dalam bl-Ingliż

12.30: Stejjer għat-tfal

14.00: Tfittxija għat-teżor

14.30: Dawra mal-wied u spjegazzjoni dwar il-Proġett ta' Wied Dalam (massimu ta' 25 persuna)

15.00: Stejjer għat-tfal

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Attivitajiet oħra għat-tfal bejn id-09.30 u l-16.00:

Żebgħa fuq il-wiċċ, bini bi blokok tal-foam u logħob ieħor

**Borġ in-Nadur**

09.30: Dawra ma' Borġ in-Nadur bl-Ingliż

10.30 - 13.00: Attivitajiet għal nies ta' kull età, b'aċċenn fuq l-arkeoloġija u l-fdalijiet tipiċi li jinstabu f'sit arkeoloġiku. Il-parteċipanti jistgħu jitgħallmu dwar materjali differenti u l-kuntest li jinstabu fih.

11.30: Dawra ma' Borġ in-Nadur bil-Malti

15.00: Dawra ma' Borġ in-Nadur bil-Malti

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta